



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 13 ta' Novembru 2023
(OR. en)

15151/23

SOC 743
EMPL 530
EDUC 421
ECOFIN 1143

NOTA

minn:	Presidenza
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Semestru Ewropew 2024: Negożjar kollettiv ekoloġiku - Dibattitu ta' orjentazzjoni

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuża nota ta' gwida mill-Presidenza dwar is-suġġett ta' hawn fuq, bil-ħsieb tad-dibattitu ta' orjentazzjoni fil-Kunsill (EPSCO) tas-27 ta' Novembru 2023.

NOTA TA' GWIDA GĦAD-DISKUSSJONI

"Negożjar kollettiv ekoloġiku għal tranżizzjoni ekoloġika ġusta"

Id-dekarbonizzazzjoni tal-ekonomija, l-effiċjenza fl-enerġija, l-ekonomija ċirkolari u, b'mod aktar ġenerali, it-tibdil fil-klima, issa huma kwistjonijiet ċentrali fuq l-aġenda politika tal-Unjoni Ewropea u tal-Istati Membri tagħha. Dan hu rifless fil-Patt Ekoloġiku Ewropew u d-diversi inizjattivi fi ħdanu - bħall-pakkett *Lesti għall-mira ta' 55 %* - li jikkontribwixxi għall-kisba tan-newtralità klimatika sal-2050, kif stabbilit fil-Liġi Ewropea dwar il-Klima, u r-riformi u l-investimenti li jappoġġaw it-tranżizzjoni ekoloġika, inkluż *REPowerEU* u l-pjanijiet nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza fil-kuntest tal-fondi tan-*NextGenerationEU*.

It-tranżizzjoni ġusta għan-newtralità klimatika hija sfida ewlenija ta' żmienna u għandha firxa wiesgħa, u taffettwa ħafna oqsma, fosthom ix-xogħol u l-affarijiet soċjali. Impjiegi aħjar, kundizzjonijiet tax-xogħol deċenti u l-ħarsien tal-ambjent ma jistgħux ikunu realtajiet li jikkompetu kontra xulxin. Għall-kuntrarju, huma marbutin flimkien, jikkomplementaw lil xulxin u jiffurmaw aġenda komuni biex jaqdu l-ġid tas-soċjetà u l-ħtiġijiet tal-kumpaniji u tal-ħaddiema. Il-Patt Ekoloġiku Ewropew u l-azzjoni għal Unjoni Soċjali jridu jiġu artikolati kif xieraq u jkunu ta' benefiċċju reċiproku fil-livelli kollha. Il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali jirrikonoxxi wkoll l-importanza tat-tranżizzjoni ekoloġika u l-impatt tagħha fuq id-drittijiet soċjali u l-isfidi marbutin mal-impjiegi.

It-tranżizzjoni ekoloġika ġġib magħha opportunitajiet iżda wkoll sfidi b'rabta mal-impjiegi u l-kundizzjonijiet tax-xogħol, u dawn ser ikollhom impatt akbar fis-snin li ġejjin. Bħal f'oqsma oħrajn, id-djalogu soċjali bejn l-istituzzjonijiet Ewropej, il-gvernijiet u s-sħab soċjali transsettorjali u settorjali jrid jaqdi rwol prominenti fid-definizzjoni u l-implimentazzjoni tal-politiki ambjentali u tal-enerġija; barra minn hekk, b'mod aktar ġenerali, il-politiki kollha relatati mat-tranżizzjoni ekoloġika minħabba l-impatt tagħhom fuq l-impjiegi u l-kundizzjonijiet tax-xogħol.

Għal din ir-raġuni, ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tas-16 ta' Ġunju 2022 dwar l-iżgurar ta' tranżizzjoni ġusta lejn in-newtralità klimatika, li tfitx li tikkunsidra mill-ġdid l-impatti soċjoekonomiċi tat-tranżizzjoni ekoloġika, stiednet lill-Istati Membri jadottaw u jimplimentaw pakketti ta' miżuri biex jippromwovu tranżizzjoni ġusta f'kooperazzjoni mill-qrib mas-sħab soċjali. B'mod partikolari, il-pakketti ta' politiki jitqiesu deċiżivi fl-iżvilupp ta' azzjonijiet biex jingħata appoġġ lin-nies, lis-setturi u lit-territorji l-aktar affettwati mit-tranżizzjoni ekoloġika. Dan huwa partikolarment minnu f'kuntest fejn il-politiki soċjali biex tiġi indirizzata t-tranżizzjoni tal-enerġija għadhom fi stadju bikri ħafna fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri, u d-djalogu soċjali huwa kruċjali għall-iżvilupp effettiv tagħhom.

Kif jingħad fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-25 ta' Jannar 2023 "Insaħħu d-djalogu soċjali fl-Unjoni Ewropea: nisfruttaw il-potenzjal kollu tiegħu biex niksbu tranżizzjonijiet ġusti", djalogu soċjali sinifikanti u negozjar kollettiv effettiv huma essenzjali għall-identifikazzjoni ta' soluzzjonijiet bilanċjati kondiviżi min-negozji u t-trade unions biex tiġi mhegħa tranżizzjoni ġusta għal ekonomija dekarbonizzata u biex tiġi promossa Ewropa ekoloġika u soċjali.

Barra minn hekk, jeħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw ambjent li jiffavorixxi djalogu soċjali bipartitiku u tripartitiku, inkluż negozjar kollettiv fil-livelli kollha, inkluż l-involviment tas-sħab soċjali b'mod sistematiku, sinifikanti u f'waqtu, fit-tfassil u fl-implimentazzjoni ta' politiki soċjali u dwar l-impjiegi u, fejn rilevanti, politiki ekonomiċi u pubbliċi oħrajn, inkluż fil-kuntest tas-Semestru Ewropew.

Is-Sessjoni Plenarja tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew fl-14 ta' Ġunju 2023 adottat Opinjoni bit-titlu "Negozjar kollettiv ekoloġiku: prattiki tajbin u prospettivi futuri"¹.

F'din l-Opinjoni, il-KESE jsostni li "l-intrapriżi u l-ħaddiema jeħtieġu mezzi adegwati biex jipparteċipaw fl-isforzi biex jiġi appoġġjat il-ħarsien tal-ambjent u biex jiġi miġġieled it-tibdil fil-klima". Filwaqt li jiġi rispettat ir-rwol tar-relazzjonijiet industrijali nazzjonali u l-awtonomija tas-sħab soċjali, il-promozzjoni tan-negozjar kollettiv ekoloġiku hija mod kif tingħata attenzjoni lit-tranżizzjoni ekoloġika.

¹ <https://www.eesc.europa.eu/en/our-work/opinions-information-reports/opinions/green-collective-bargaining>

Il-KESE jqis li d-diskussjoni dwar kwistjonijiet ambjentali fil-kuntest tan-negozjar kollettiv tirreferi għal klawżoli negozjabbli - kif jidher fl-eżempji fl-appendiċijiet tal-Opinjoni msemmija hawn fuq - bejn is-sħab soċjali fil-kuntest ta' ftehimiet kollettivi li jkollhom impatt dirett u indirett fuq l-ambjent. Dawn il-klawżoli jistgħu jkopru, fost affarijiet oħra:

- a) l-impatt tal-attività tan-negozji fuq l-ambjent.
- b) il-protezzjoni tal-ħaddiema mill-effetti tal-ambjent u t-tibdil fil-klima.
- c) l-impatt tat-tranżizzjoni ekoloġika fuq l-attività ta' negozju f'termini ta' organizzazzjoni tax-xogħol, bidliet fil-profilu professjonali u l-ħiliet tal-ħaddiema.
- d) monitoraġġ intern tal-implimentazzjoni tal-kundizzjonijiet li jinsabu fil-punti a), b) u c).

Fost il-konklużjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet tal-Opinjoni, il-KESE jappella lill-Unjoni u lill-Istati Membri biex ikomplu jappoġġaw azzjonijiet u inizjattivi li jinċentivaw lill-kumpaniji u lill-ħaddiema biex jadattaw għat-tranżizzjoni ekoloġika, u biex jikkunsidraw li, fost miżuri oħrajn, ifasslu kunċett ta' impjegati delegati biex jaġixxu bħala rappreżentanti għat-tranżizzjoni ambjentali jew punti ta' kuntatt għal kwistjonijiet relatati mat-tranżizzjoni ambjentali u ekoloġika fuq il-post tax-xogħol.

Fil-livell transsettorjali Ewropew, it-tranżizzjoni ekoloġika u l-isfidi tagħha għad-dinja tax-xogħol ġew indirizzati, pereżempju, fid-Dikjarazzjoni tas-Sħab Soċjali Ewropej tat-30 ta' Mejju 2017 dwar l-użu tal-potenzjal mill-ekoloġizzazzjoni tal-ekonomija għall-ħolqien tal-impjiegi² jew fir-Rakkomandazzjonijiet tad-9 ta' Diċembru 2021 dwar l-ekonomija ċirkolari fil-qafas tad-dialogu soċjali³.

Minkejja d-diversi inizjattivi msemmin hawn fuq, ir-rwol tad-dialogu soċjali u n-negozjar kollettiv fil-ġestjoni u l-iżgurar ta' tranżizzjoni ekoloġika ġusta jista' jissaħħa aktar.

² https://www.buinessurope.eu/sites/buseur/files/media/position_papers/social/2017-05-30_european_social_partners_statement_on_greening_economy_for_jobs_creation.pdf

³ https://resourcecentre.etuc.org/sites/default/files/2021-11/Final%20report%20circular%20ecenomy_Recommendations_v3_0.pdf

Fid-dawl ta' xi ftehimiet eżistenti f'diversi setturi u kumpaniji Ewropej, li jissemmew fl-Opinjoni tal-KESE msemmija hawn fuq, huwa meħtieġ li nimxu lejn negozjar kollettiv ekoloġiku fejn is-sħab soċjali, fl-livelli differenti ta' negozjar, ikollhom rwol sinifikanti x'jaqdu biex il-kumpaniji jsiru aktar sostenibbli, reżiljenti u produttivi, kif ukoll biex ikollhom l-għeruq tagħhom f'xogħol deċenti.

Il-kontenut possibbli tan-negozjar kollettiv ekoloġiku jista' jkun:

- l-impatt tat-tranżizzjoni ekoloġika fuq l-impjiegi u l-koeżjoni territorjali u soċjali;
- il-ħolqien ta' impjiegi ekoloġiċi;
- tranżizzjonijiet bejn setturi differenti ta' attività u t-taħriġ f'ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid meħtieġa tal-ħaddiema;
- il-mobbiltà fl-ibliet għall-aċċess għall-postijiet tax-xogħol;
- l-effiċjenza fl-enerġija fl-attività produttiva u fil-provvediment tax-xogħol;
- taħrif u konsultazzjoni tal-ħaddiema permezz tal-ħatra ta' rappreżentanti għat-tranżizzjoni ekoloġika jew is-sehem tagħhom f'kumitati speċjalizzati;
- taħriġ ambjentali tal-partijiet fin-negozjati ta' ftehimiet kollettivi.

Dawn il-kwistjonijiet kollha għandhom jiġu indirizzati minn perspettiva tal-ġeneru.

Barra minn hekk, ta' min wieħed jirrifletti wkoll dwar ir-rwol tan-negozjar kollettiv b'rabta mal-ħolqien ta' kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti u l-prevenzjoni ta' riskji okkupazzjonali fid-dawl tat-tibdil fil-klima, bħal sitwazzjonijiet ta' temperaturi estremi jew fenomeni negattivi oħra tat-temp, minħabba l-impatt kbir tagħhom fuq is-saħħa u s-sikurezza tal-ħaddiema.

Fl-aħħar nett, in-negozjar kollettiv ekoloġiku jista' jkun strument xieraq biex isir progress lejn aktar demokrazija fuq il-post tax-xogħol u, fl-istess ħin, jippermetti lill-Patt Ekoloġiku Ewropew u lill-Unjoni Soċjali jikkomplementaw lil xulxin, filwaqt li jitqiesu wkoll l-oġettivi stabbiliti fil-Pilastru tad-Drittijiet Soċjali.

F'dan il-kuntest, il-Ministri huma mistiedna jaqsmu l-fehmiet tagħhom dwar il-kwistjonijiet li ġejjin:

- In-negozjar kollettiv kif jista' jappoġġa l-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima, iżid is-sostenibbiltà ambjentali u jakkumpanja tranżizzjoni ġusta għan-newtralità klimatika? Hemm xi esperjenzi reċenti u prattiki tajbin ta' negozjar kollettiv ekoloġiku fl-Istat Membru tiegħek?
- Filwaqt li jirrispettaw l-awtonomija tas-sħab soċjali, x'miżuri jistgħu jittieħdu mill-Unjoni, l-Istati Membri u s-sħab soċjali nfushom biex jippromwovu negozjar kollettiv ekoloġiku? Xi rwol jista' jaqdi s-Semestru Ewropew?
